# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta Kolliżjonijiet**

**Pulizija**

**Vs**

**Aaron Sultana**

**Illum, 5 ta' Frar, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Aaron Sultana, bil-karta tal-identità numru 350183M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli fit-18 ta' Mejju, 2017, għall-ħabta ta' 15.10 hrs, fi Triq il-Mitħna Żebbug, Malta, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni APY 015,

i. *B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' SAmira Galea;*
ii. *Kif ukoll fl-istess data lok u hin saq l-imsemmija vettura b' manjiera traskurata.*

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semgħet il-provi;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**<u>Provi Miġbura</u>**

Illi din il-kawża tirrigwarda incident fejn weġġħet Samira Galea, meta din kienet involuta f'inċident ma' *coach* misjuqa mill-imputat. Skont l-affidavit ta' **PS 610 Mark Anthony Spiteri,** l-għada tal-inċident, Samira Galea spjegat li hija kienet niżlet mill-*private,* u meta marret għal basket fl-ixkaffa ta' taħt, waqt li kienet għadha ġol-kaxxa, ingħalqet il-bieba tal-*private,* bil-konsegwenza li l-*coach* saq biha b'kollox. PS 610 kompla li Samira Galea spjegatlu, li meta waqgħet, hija ntlaqtet bir-rota tal-*coach.* Fl-istess affidavit, PS 610 irraporta wkoll il-verżjoni mogħtija mill-imputat, li stqar li huwa kien waqqaf ix-xarabank u kif niżlu t-tfal u ġabru l-basktijiet, huwa sema' t-tfal jgħajjtu u waqqaf ix-xarabank. PS 610 qal li Sultana spjega, li x'ħin niżel mix-xarabank, sab tifla mal-art u din qamet waħedha, filwaqt li marret bilqegħda. Jirriżulta mid-dokument a fol 14 tal-proċess, li l-imputat kien ingħata id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, iżda huwa kien irrinunzja għal dan id-dritt. Fl-istess affidavit, kien hemm rapportat il-verżjoni ta' Joseph Agius, li spjega li kif hu u t-tfal niżlu biex iġibu l-basket mill-gabina ta' taħt, ix-xufier fetaħ il-bieba, u kif daħlet Samira għall-basket, ix-xufier beda jagħlaq il-bieba tal-gabina. PS 610 kompla jgħid li skont Joseph Agius, x'ħin il-bieba ngħalqet, Samira intlaqtet mil-bieba tal-gabina ġo daharha, fejn imbagħad inqabdilha l-flokk ukoll u spiċċat titkaxkar fit-triq, għax ix-xufier kien gjà beda jsuq. PS 610 irraporta wkoll il-verżjoni mogħtija minn Luana Borg, li din stqarret li meta l-*private* waqfet, niżlu t-tfal u marru jiġbru l-basket minn taħt. Borg ġiet rapportata li

spjegat li meta x-xufier beda jsuq, semgħet lit-tfal jgħajjtu u marru jgħidu lix-xufier, li Samira kienet inqabdet fil-bieba tal-*private*. Qalet li hija niżlet mill-*private,* fejn rat lix-xufier jgħin lil Samira.

Mix-xhieda ta' **Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta** irriżulta, li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni APY015, hija *coach* reġistrata fuq Emanuel Mifsud, mill-4 ta' Marzu, 2010. Irriżulta wkoll li Aaron Sultana għandu liċenzja li jsuq din il-*coach*, kif ukoll it-*tag* neċessarja biex isuq din il-*coach*.

Dwar id-dinamika tal-inċident, quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, xehdet **Luana Borg**, li spjegat li hija rat lil Samira maqbuda fil-bieba minn fejn jittieħdu l-basktijiet, liema bieba tkun taħt. Sostniet li hija rat lil Samira maqbuda minn daharha u qalet li ġara hekk peress li niżlet il-bieba fuq daharha. Qalet li hija kienet ġol-*coach* u mbagħad niżlet. Ikkonfermat li hija rat lil Samira tinqabad fil-bieba mit-triq. Qalet li x-xufier niżel u hija niżlet warajh. Qalet li xħin niżlet, rat lil Samira mal-art. Spjegat li x-xufier waqaf għaliex it-tfal bdew jgħajjtu, u xi ħadd ħabbatlu mal-bieba biex jieqaf. Spjegat li mbagħad, ix-xufier waqaf u fetaħ il-bieba.

**Samira Galea** ukoll xehdet, fejn qalet li hija niżlet mill-*private* biex iġġib il-basket minn taħt. Qalet li bdiet nieżla l-bieba u ġiet fuq daharha. Qalet li x-xufier kien beda jsuq ukoll bil-mod. Qalet li hija ppruvat toħroġ, billi tinġibed 'il barra. Qalet li rnexxielha toħroġ, iżda nqalbet wiċċha 'l fuq, bil-konsegwenża li x-xarabank għaddiet minn fuq saqajha bit-*tyre* ta' wara. Qalet li mbagħad intilfet minn sensiha, u ma baqgħet tara lil ħadd aktar. Spjegat li damet xahar u nofs l-isptar u tilfet safra li kellha fis-sajf. Qalet li għamlet erba' operazzjonijiet f'xahar u nofs u kellha ferita fonda, li tidħol il-pala ta' idha. Spjegat li llum, il-ferita hija mgħottija b'*skin graft*, għax ħadulha biċċiet ta' gilda minn saqajha biex tkun koperta. Ikkonfermat li Joseph Agius kien niżel qabilha.

In kontroeżami, hija spjegat li kien għad fadal tfal fuq il-*bus* xħin ġara l-inċident. Spjegat li wara l-inċident, kienu bagħtuha d-dar, għaliex kienu ħasbu li din kienet sempliċiment nefħa li tinżel waħedha, iżda mbagħad kienet marret għand tabib privat u kellha ssir l-operazzjoni, fejn damet xahar u nofs. Ikkonfermat ukoll li hija kienet damet l-isptar, għaliex kellha infezzjoni fil-ferita.

Dwar dak li ġara, xehed ukoll **Joseph Agius**, xhud okulari fejn qal li hu ħa l-basket minn taħt u warajh daħlet eżatt Samira. Qal li x'ħin Samira ġibdet il-basket, bdiet tingħalaq il-bieba. Qal li Samira bdiet tgħajjat u kulħadd beda jgħajjat biex il-*private* tieqaf, imma l-*private* baqgħet miexja. Qal li bdew iħabbtu mal-bieba u mbagħad niżel ix-xufier u tifla oħra warajh. Qal li mbagħad ġabru lil Samira minn mal-art, peress li t-*tyre* kien rifisha minn fuq saqajha. Qal li l-*coach* kienet imxiet xi distanza ta' metru. Qal li x-xufier kien fetaħ il-bieba tal-gabina ta' taħt, minn buttuna minn ġewwa.

Xehdet ukoll **Ramona Galea**, li spjegat li meta ġiet infurmata bl-inċident, marret fejn it-tifla, li sabitha fuq l-i*stage* togħrok saqajha u sidirha. Qalet li meta ħaditha l-isptar, kienu żammewha lejl biss. Qalet iżda, li minn saqajha bdew ħerġin *bubbles* bl-ilma u għalhekk beda jiġi tabib id-dar biex jimmedikha. Qalet li sussegwentement, ħadet lil bintha għand Dr. Briffa, li nfurmaha li t-tifla kellha bżonn tiġi operata. Dana peress li l-ferita bdiet tiswied. Sostniet li dan kollu ġara tort tal-inċident. Spjegat li f'sieqha għandha biċċa laħam imqabbża. L-omm ta' Samira eżebiet ukoll sett ritratti u anke l-uniformi, li kienet liebsa bintha dakinhar tal-inċident.

**L-imputat** għażel li jixhed u anke ippreżenta *USB stick* u sett ritratti. Qal li huwa ilu xufier għal aktar minn ħdax-il sena. Spjega li huwa qatt ma kellu inċidenti. Qal li dakinhar, ingħata struzzjonijiet biex jagħmel vjaġġ assenjat lil ħaddieħor. Qal li kulma kien fadallu kienu l-aħħar żewġ *stops*. Qal li tefa' mal-ġenb tat-triq, fejn hemm bankina u *stage*, biex it-tfal ma jitniżżlux f'nofs tat-triq. Qal li l-basktijiet tal-iskola kienu fil-gabina, fejn iħallu l-bagalji t-turisti. Qal li l-bieba tal-gabina kienet tinfetaħ b'buttuna minn ġewwa u mhux manwalment. Spjega li huwa waqqaf il-*bus* u fetaħ il-bieba. Qal li t-tfal ħadu l-basktijiet, għalaq il-bieba fejn kien hemm is-*satchels*, għalaq il-bieba tan-naħa minn fejn jinżlu n-nies, u kif kien ħa jsuq, sema' ħafna għajjat minn barra tal-*bus*. Huwa ċaħad li kien iċċaqlaq jew saq. Qal li l-ewwel għalaq il-bieba fejn kien hemm is-*satchels,* imbagħad għalaq il-bieba tal-passiġġieri. Qal li minn ġol-mera, jara li t-tfal jkunu telqu kollha, u jkun f'dak il-ħin li jagħlaq il-bieba ta' fejn kien hemm is-*satchels*.

Kompla jgħid li l-bieba fejn jitpoġġew is-*satchels*, fiha daqs nofs trakk, plus li l-ħxuna tagħha hija waħda kbira. Skont l-imputat, jekk jinqabad xi ħadd b'din il-bieba, din taqsmu min-nofs. Spjega li din ma fihiex *safety*, fis-sens li kif ħa tħoss xi ħaġa, din xorta ser tibqa' tagħfas. Sostna li malli sema' l-għajjat, huwa niżel isfel u jara tifla taħt il-bankina. Spjega li l-*coach* kien qiegħed kollu mal-bankina u t-tifla kienet eżatt taħt ir-rota, jiġifieri bejn il-bankina u l-*coach*. Spjega li t-tifla kienet viċin tat-*tyre*. Sostna li

kieku huwa ma kienx responsabbli u ma saqx, kieku l-*coach* kien jgħaddi minn fuq din it-tifla. In kontroeżami, huwa nsista li ma laqatx lit-tifla u lanqas tajjarha. Qal li huwa ma jafx kif spiċċat bejn il-bankina din it-tifla. Sostna li jista' jkun li xi ħadd imbutta lil din it-tifla, jew li din tfixklet fil-bankina. Huwa ċaħad li kien beda jsuq u nsista li li kieku saq, il-*coach* kien jgħaddi minn fuq it-tifla, bil-konsegwenza li kien jgħaffeġ lit-tifla. Huwa spjega li mill-mera tal-ġenb, huwa ma setax jara lit-tifla bejn il-bankina u t-trakk. Qal li l-bieba magħluqa jaraha mill-mera u fid-*dashboard* kienet timmarkalu li l-bieba għadha miftuħa.

Dwar il-ġrieħi sofferti, oriġinarjament l-akkużi, iċ-ċertifikat rilaxxat minn Dr Erica Cilia a fol 37, l-affidavit rilaxxat minn Dr. Cilia a fol 49, l-affidavit a fol 50 u anke l-kontenut tal-affidavit ta' PS 610, kienu jindikaw li l-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa. Iżda mbagħad l-akkużi ġew mibdula għal ġrieħi gravi. Ġie ppreżentat affidavit ta' Dott Therese Marie Agius u ta' Mr. Joseph Briffa, fejn dan tal-aħħar ikkonkluda, li l-ġrieħi sofferiti kienu gravi, kemm *per durata* u kemm *per natura*. Ġie ppreżentat ukoll affidavit ta' Dottor Francis X Darmanin, kif ukoll xehed *viva voce* Mr Joseph Briffa, li spjega li kien eżamina lil Samira Galea għall-ewwel darba fid-9 ta' Ġunju, 2017.

Il-Qorti ħatret ukoll bħala Espert Mediku, lil Mr. Raymond Debono, li kkonkluda li l-ġrieħi kienu ta' natura permanenti u li Samira Galea qed issofri diżabilità permanenti ta' 15%.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti għarblet il-provi prodotti. Mill-provi prodotti rriżulta, li l-vittma kienet qiegħda tiġbor is-*satchel* tagħha mill-post fejn tħallew is-*satchels* tal-istudenti. Irriżulta wkoll mix-xhieda mogħtija, kemm mill-vittma u kif ukoll mix-xhud okulari, li kien viċin ferm tal-vittma meta seħħ l-inċident, li l-vittma ntlaqtet bil-bieba, meta din il-bieba bdiet tingħalaq. Kien ix-xufier li għafas il-buttuna sabiex din il-bieba tingħalaq u dana għamlu f'ħin fejn jirriżulta li l-vittma kienet għadha qed tiġbor il-basket tagħha, bil-konsegwenza li minħabba dan in-nuqqas ta' *proper look out* u verifika ċara li l-istudenti kienu kollha ġabru l-basket u telgħu fuq il-bankina, ġie kkaġunat dan l-inċident. L-istess xufier ammetta li huwa ra lill-vittma mal-art viċin ħafna tat-*tyre* u kif ukoll li ma jafx kif spiċċat hemmhekk il-vittma.

Din il-Qorti hija wkoll konvinta li tressqu biżżejjed provi, li effettivament ix-xufier kien għadu kemm beda jsuq il-*coach*, qabel ma' nduna b'li ġara mill-għajjat tal-istudenti u mit-tisbit fuq il-ħġieġa mill-istess studenti. Il-verżjonijiet mogħtija mill-vittma u żewġ studenti oħra li kienu xhieda okulari, kienu fis-sens li l-vittma nqabdet bil-bieba u mbagħad meta x-xufier beda jsuq, it-*tyre* għadda minn fuq il-persuna tal-vittma. Ix-xufier jinsisti, li huwa fl-ebda ħin ma kien beda jsuq, għaliex malli għalaq il-bieba ta' fejn kienu qed jinżammu l-basktijiet, sema' l-għajjat tal-istudenti u niżel jara x'ġara. Madanakollu, *a tempo vergine* hekk kif irraportat minn PS610, u wara li kien irrifjuta li jkellem avukat, ix-xufier kien stqarr li sema' t-tfal jgħajtu u waqqaf ix-xarabank. Għalkemm id-difiża tisħaq li l-*coach* fl-ebda ħin ma ġiet misjuqa, u li x-xufier induna qabel ma' saq li kien ġara xi ħaġa, din il-Qorti tqis li mix-xhieda mogħtija minn dawk li effettivament esperjenzaw huma nfishom dak li seħħ, jirriżulta b'mod ċar li l-vittma ntlaqtet bil-bieba, il-*coach* bdiet tinsaq bil-mod u l-vittma ġiet milquta bit-*tyre* f'saqajha. Huwa minnu li x-xufier waqaf kważi mill-ewwel peress li sema' l-għajjat tal-istudenti, imma jibqa' l-fatt li dan beda jsuq, bil-konsegwenza li seħħ dan l-inċident. Din il-Qorti hija konvinta li ġie ppruvat li x-xufier naqas li jkun diliġenti u jassigura ruħu li l-istudenti ġabru l-basktijiet tagħhom u li kienu siguri fuq il-bankina jew 'il bogħod mill-*coach*, qabel ma' għalaq din il-bieba. Din il-Qorti hija konvinta wkoll, li l-ġrieħi li soffriet il-vittma, ġew ikkaġunati minħabba din il-manuvra tal-bieba qed tingħalaq fuq il-vittma u li x-xufier beda jsuq bil-mod qabel ma' nduna b'li kien ġara.

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Renald Vella (**Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali; Deċiża 19.05.2014) fejn kien deċiż:

> *Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Alfred Mifsud****, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mamo**, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

Fl-istess sentenza ġjà ċitata (**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**) (Deċiża 06.05.1997 per Onor. Imħallef Dr. Vincent DeGaetano), il-Qorti tal-Appell Kriminali enunċjat it-tifsiriet li għandhom jingħataw lil kull tip ta' sewqan, li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw*

*id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide* ***Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain****, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) ……."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Robert Brincat** (Deċiża 22.11.2007 per Onor Imħallef Dr. Joseph Galea Debono) eżaminat l-obbligi tas-sewwieq, kif ukoll dawk tal-*pedestrian*:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim.* ***Pul. vs. Charles Bartolo*** *14.3.59 ;* ***Pul. vs. Wilson****, Vol. XXXIX p. 1018 u* ***Pul. vs. Alfred Vella****, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs. Hardingham*** *, 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' recklessness" (App. Krim.* ***Pul. vs. Charles Farrugia*** *XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye ".(App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina*** *, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul.vs. Antonio Spiteri*** *, Vol. XLIV , p.892)*

*Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali:* ***"The Police vs. Gunner Brian Wilson"*** *[7.5.1955] li :- "It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." (ara ukoll f'dan is-sens: App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"*** *[9.3.1959] u "****Il-Pulizija vs. Charles Bartolo****" [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)*

*Umbaghad fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**" ([3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- "sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu." (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"** [5.3.1955] Vol.XXXIX, iv. p.978)*

*Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' Mallia u Bartolo fuq citati "kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Fid-dawl tal-ġurisprudenza enunċjata u mir-riżultanzi proċesswali, din il-Qorti tinsab sodisfatta, li l-imputat saq b'mod negliġenti meta beda jsuq bil-mod, qabel ma' aċċerta ruħu li l-istudenti kienu kollha *safe* fuq il-bankina. L-imputat kien konsapevoli li kien hemm l-istudenti qed jiġbru l-basktijiet, minn fejn kienu ġew mogħtija struzzjonijiet iħalluhom, u għalhekk kien jinkombi fuqu li jżomm dik il-*proper look out* u jaċċerta ruħu li l-istudenti ma għadhomx fejn il-*coach* qabel jibda jsuq. Il-manuvra li għamel l-imputat kienet magħmula b'tali mod u manjiera, li s-sewqan kien jiddipartixxi mill-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza.

Dwar l-ewwel imputazzjoni u l-estent tal-ġrieħi sofferti mill-vittma, id-difiża targumenta wkoll li l-ġrieħi sofferti mill-vittma kienu ta' natura ħafifa, għaliex iċ-ċertifikat mediku inizjali hekk kien inħareġ, u li kien biss minħabba interventi, anke ta' natura kożmetika u minħabba infezzjonijiet ikkaġunati b'negliġenza minn esperti mediċi, li l-ġrieħi saru ta' natura gravi wara xi żmien. Din il-Qorti fliet ix-xhieda mogħtija mit-tobba kuranti tal-vittma u d-diversi rapporti mediċi li ġew eżebiti. Fliet ukoll dak li kkonkluda l-Espert Mediku appuntat minn din l-istess Qorti. Tqis li minn

eżami ta' dawn il-provi, jirriżulta li l-ġrieħi li kienu ġew ikkaġunati lill-vittma, kienu jammontaw għal ġrieħi ta' natura gravi u li b'konsegwenza ta' din l-inċident, il-vittma ġarbet diżabilità permanenti. Għalhekk in-natura tal-ġrieħi sofferti taqa' fil-parametri tal-Artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Intefa' wkoll dell ikrah fuq il-fatt, li l-uniformi tal-vittma eżebita f'dawn l-atti, ma kinitx prova affidabbli, minħabba li omm il-vittma ppreżentatata żmien wara u mhux fl-ewwel okkażjoni li kienet ingħatat biex tixhed. Madanakollu omm il-vittma spjegat, li meta kienet xehdet fl-ewwel okkażjoni quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, hija kellha l-uniformi magħha, iżda ma kinitx ingħatat l-opportunità li tippreżentha, tant li x-xhieda tagħha kienet ingħatat f'temp brevi u sussegwentement, lanqas kienet ġiet rintraċċata, bil-konsegwenza li din il-Qorti hekk kif ippreseduta, kellha tordna li din ix-xhud terġa' tixhed mill-ġdid.

**Deċide**

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, wara li rat l-Artikoli 218(1) (a) u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1) (a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, billi ssib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €2,000, kif ukoll b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna s-sospensjoni tal-liċenzja ta' sewqan għal żmien tmint ijiem mil-lum, li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl tal-lum.**

---

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

---

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**